MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 3290/1996/1

**Vincent Camilleri, Gaetana Aquilina, Sylvia Cutajar, Frances Vella, Michael Farrugia, Lilian Caligari u Carmela Mattinson**

**vs**

**Kummissarju ta' l- Artijiet**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi permezz ta' rikors numru 42/81 quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet il-konvenut talab li jigi ordnat lill-atturi sabiex: (1) l-atturi jittrasferixxu favur il-konvenut b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fil-limiti ta' Birzebbuga tal-kejl ta' sittax (16) il-tomna, li tinkludi strutturi rurali, li tmiss mit-tramuntana ma' triq

publika, nofsinhar ma xatt il-bahar u mill-punent in parti ma’ proprjeta` tal-Gvern ta’ Malta u in parti ma’ xatt il-bahar; (2) li jigi ffissat kumpens relattiv; (3) li jigi n-Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Artijiet sabiex dan jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li jigu stabbiliti; (4) li jigi nominat kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att; (5) u li jinghataw il-provvedimenti ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (illum Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta); u dan stante illi din il-proprjeta` kienet mehtiega ghal skopijiet pubblici skond l-istess Ordinanza;

Illi l-atturi insistew illi din l-art in kwistjoni kellha f’dak iz-zmien li giet esproprijata valur reali ta’ hamsa u tmenin elf lira (Lm85,000) u dan stante illi l-istess art kienet dak iz-zmien stabbiliment ta’ negozju cioe` barriera avvjata anzi l-aqwa barriera tal-qawwi li kien hawn Malta.

Illi b’sentenza tal-21 ta’ Gunju 1994 il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar Artijiet iddecieda illi jiffissa l-kumpens fis-somma ta’ erbat elef, tlett mija u sittin lira (Lm4,360) u cioe` l-art giet valutata biss bhala art u mhux ukoll bhala stabbiliment ta’ negozju.

Illi l-atturi f’din il-kawza interponew appell minn din is-sentenza u dan fuq l-aggravji illi l-Bord ma kienx korrett meta ddecieda illi fid-data ta’ esproprijazzjoni l-art ma kienetx barriera avvjata u kif ukoll illi l-Bord ghamel valutazzjoni hazina tal-provi u tal-ligi;

Illi l-Qorti ta’ l-Appell osservat illi l-procedura stipulata fl-**Ordinanza (Kap 88)** u b’mod partikolari l-**artikolu 26** li jipprovdi dwar kwistjonijiet li ghandhom jigu decizi mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, ma gietx osservata la mill-partijiet u lanqas mill-Bord u ghalhekk hija laqghet l-appell ta’ l-atturi b’mod limitat fis-sens illi irrevokat u hassret is-sentenza appellata w ordnat illi l-atti tal-kawza jigu rimessi quddiem l-istess Bord sabiex jisma’ u jiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Illi l-kawza giet riappuntata quddiem il-Bord ghat-22 t’Ottubru 1996 f’liema seduta l-istess Bord applika l-

provvedimenti ta' l-**artikolu 26 ta' Ordinanza** indikata u stabbilixxa terminu ta' xahar f'liema terminu l-attur ghandhom jagixxu permezz ta' citazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili;

Illi l-atturi ghalhekk talbu li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi fid-data ta' l-esproprijazzjoni l-atturi bhala eredi ta' missierhom Carlo Camilleri kienu d-detenturi ta' stabbiliment *bona fide* ta' negozju gestit mill-art esproprijata;

2. Tiddeciedi u tiddikjara li konsegwentement il-kumpens dovut lill-atturi oltre l-valur ta' l-istess art, ghandu jinkludi somma b'zieda ghal darba biss kif provdut fl-**artikolu 27 (19) (b) tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta**.

3. Tillikwida din is-somma b'zieda fuq il-valur ta' l-istess art, dovuta lill-atturi bhala detenturi ta' stabbiliment *bona fide* tan-negozju akkwistat mill-awtorita` kompetenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju ta' l-Artijiet a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament l-esponent ma giex interpellat kif trid il-ligi fl-**Artikolu 460A**.

2. Illi minghajr pregudizzju u wkoll in linea preliminari c-citazzjoni ma gietx notifikata lill-Avukat Generali kif trid il-ligi.

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju l-**Art. 27(19) (b) tal-Kap. 88** ma japplikax ghal kaz odjern stante li dan l-Artikolu japplika ghall-kazijiet fejn l-art tigi akkwistata ghall-pussess u uzu jew b'dominju pubbliku mentri l-kaz odjern jinvolvi akwist ta' art b'xiri assolut.

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni *ratione materie* biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet ta' l-attur fil-kawza odjerna stante:

(i) Illi l-attur mhux qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddetermina kwistjoni li ma taqax fl-ambitu ta' l-**Artikolu 25 tal-Kap. 88**;

(ii) Illi l-ewwel talba tirrikjedi decizjoni fuq stat ta' fatt li jaqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Bord.

(iii) Illi anke kieku kellu japplika l-**Artikolu 27(19)(b)**, is-somma hemm imsemmija trid tigi ffissata mill-Bord u fi kwalukwe kaz ghandha l-ewwelnett tigi provizorjament offerta b'mezz ta' avviz ta' ftehim.

5. Illi l-possibilita' ta' l-avjament ma kienetx giet ikkunsidrata fl-avviz ta' ftehim mibghut lill-atturi. Illi dejjem minghajr pregudizzju anke kieku l-avjament kellu japplika f'dan il-kaz, l-atturi kellhom jifthu kawza kontra l-esponent biex jaghmel avviz ta' ftehim supplementari ghal dan il-ghan flok iressqu l-punt fil-proceduri quddiem il-Bord li ntavolaw din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni a fol.10 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta' Lulju 1997; tat-30 ta' Ottubru 1997; tat-23 ta' Marzu 1998 fejn id-difensuri trattaw l-ewwel eccezzjoni. Dr Vella baqa' mal-Qorti li ghandu jesebixxi kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell u Dr Aquilina Zahra talbet differiment biex tirregola ruhha dwar din l-ewwel eccezzjoni;

Rat in-nota tal-atturi li biha ezebew kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Lulju 1996 fl-ismijiet "**Kummissarju tal-Artijiet vs Giuseppina Camilleri et**";

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' April 1998 fejn Dr Aquilina Zahra ddikjarat li qeghda tirtira l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dik cioe' tan-nullita' minhabba n-nuqqas ta' ottemperenza mal-**artikolu 460 A tal-Kapitolu**

**12**. Dr Aquilina Zahra rtirat ukoll it-tieni eccezzjoni. Dr Zammit Maempel talab li jipprezenta l-provi tieghu sa fejn possibbli bil-procedura tal-affidavit. Il-Qorti laqghet it-talba;

Rat in-nota tal-atturi li biha pprezentaw l-affidavit ta' Karmenu Abdilla;

Rat il-verbali tas-seduti tad-9 ta' Ottubru 1998; tal-5 ta' Marzu 1999; tal-10 ta' Novembru 1999.

Rat il-verbal tal-20 ta' Marzu 2000 fejn l-atturi prezentaw nota li permezz taghha ezebew kopja tad-deposizzjoni ta' Andre' Zammit, kopja ta' pjanta ezebita mill-Kummissarju ta' l-Artijiet, kopja tad-deposizzjoni ta' Vincent Camilleri u ta' Gaetana Aquilina kif migbura fil-kawza Rikors Nru 42/81 quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg Dwar l-Artijiet (fol 49 sa 61 tal-process).

Rat il-verbali tat-22 ta' Mejju 2000 u tal-10 ta' Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta.

Rat in-nota tal-atturi tat-12 t'Ottubru 2000 fejn gie prezentat l-affidavit ta' Vincent Camilleri u xi dokumenti (fol 67 sa 82).

Rat in-nota tal-atturi tal-31 ta' Ottubru 2000 fejn gie prezentat l-affidavit ta' Gaetana Aquilina (fol 85 u 86).

Rat il-verbali tas-7 ta' Dicembru 2000, tat-28 ta' Frar 2002 fejn xehed Dr Chris Vella u ddikkjara li f'dan l-istadju l-atturi m'ghandhomx provi aktar, inghata digriet tal-affidavit tal-konvenut; tas-27 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenuti maghluqa u halliet il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghall-14 ta' Novembru 2001; tal-14 ta' Novembru 2001 fejn Dr Joseph Zammit Maempel u Dr Chris Vella ghall-atturi trattaw il-kaz u talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' Marzu 2002.

Rat il-verbali tal-21 ta' Marzu 2002, tal-24 t'April 2002 fejn il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza stante li

ghandha problema bil-valur tal-art; id-difensuri qalbu li din il-Qorti ghandha tillimita s-sentenza taghha fuq l-ewwel tlett talbiet u ghalhekk il-kawza ghandha tibqa' fuq il-mertu kollu, minhabba dan il-kjariment il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 t'Ottubru 2002.

Rat il-verbali tal-1 t'Ottubru 2002; tat-30 t'Ottubru 2002; u tal-11 ta' Dicembru 2002 fejn Dr Zammit Maempel talab lill-Qorti li ghandhom jigu decizi l-ewwel zewg talbiet biss, billi hu qed jaqbel mal-eccezzjonijiet tal-konvenut peress illi t-tielet talba mhix fil-kompetenza ta' din il-Qorti. Dr Cynthia Scerri Debono qablet li d-decizjoni ghandha tigi limitata kif indikat, ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>MERTU TAL-VERTENZA ODJERNA</u>

Illi l-fatti li taw ghall-kawza odjerna kienu s-segwenti:- il-Kummissarju ta' l-Artijiet ressaq rikors quddiem il-Bord ta' Arbitragg fejn intalab biex l-atturi jigu ordnati biex fost affarijiet ohra jittrasferixxu favur il-Kummissarju ta' l-Artijiet b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera bicca art fil-limiti ta' Birzebbugia tal-kejl ta' 16-il tomna, li tinkludi strutturi rurali, li tmiss mit-tramuntana ma' triq pubblika, nofsinhar ma' xatt il-bahar u mill-punent in parti ma' proprjeta' tal-Gvern ta' Malta u in parti ma' xatt il-bahar. Illi pero' l-atturi nsistew li din l-art in kwistjoni kellha f'dak iz-zmien li giet esproprjata valur reali ta' Lm85,000 peress li l-istess art kienet dak iz-zmien stabbiliment ta' negozju cioe' barriera avvjata skond huma l-aqwa barriera tal-qawwi li kien hawn Malta.

Illi fil-21 ta' Gunju 1994 il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet iddecieda b'sentenza li jiffissa l-kumpens fis-somma ta' Lm4,360 ghax l-art giet valutata biss bhala art u mhux ukoll bhala stabbiliment ta' negozju. L-atturi b'hekk appellaw u l-Qorti ta' L-Appell osservat illi l-procedura

stabbilita fil-**Kap.88**, b'mod partikolari l-**artikolu 26** ma gietx osservata u b'hekk ordnat li l-atti jigu rimessi quddiem il-Bord. Fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 1996 il-Bord applika l-provvedimenti ta' l-**artikolu 26 tal-Kap 88** u stabbilixxa terminu ta' xahar biex l-atturi jagixxu b'citazzjoni quddiem il-Prim'Awla. Din hi l-kawza odjerna fejn l-atturi qed jitolbu li fid-data ta' l-esproprjazzjoni l-atturi bhala eredi ta' missierhom Carlo Camilleri kienu d-detenturi ta' stabbiliment *bona fide* ta' negozju gestit mill-art esproprjata; u, kwindi l-**artikolu 27 (19) (b)** ghandu japplika. Huma talbu wkoll il-likwidazzjoni ta' l-istess.

Illi l-Kummissarju ta' l-Artijiet ressaq diversi eccezzjonijiet min-naha tieghu fejn irribatta ghal dak li sostnew l-atturi liema eccezzjonijiet se jigu trattati aktar tard.

## III. PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit tieghu **Karmenu Abdilla**, in-neputi ta' Carlo Camilleri (missier l-atturi) xehed li hu kien impjegat ma' missierhom. Hu kien involut fix-xoghol tal-barriera u qal li meta giet frizata l-istess barriera u l-artijiet madwarha Carlo Camilleri kien ghadu haj u kien qed jahdem l-istess barriera. Hu qal illi qabel ma giet frizata l-istess barriera Carlo Camilleri hadem il-barriera li minnha provda l-materjal sabiex saret il-*breakwater* f'B'Bugia dik fil-Bajja s-Sabiha u f'dik ta' San Gorg. Ftit zmien qabel ma' miet l-istess Carlo Camilleri hadem il-barriera u ssuplixxa l-materjal mehtieg sabiex sar xoghol ta' *tarmac* fis-Saqqajja u f'xi nhawi f'St Andrews. Il-barriera baqghet tinhadem anke wara mewtu tant li x-xhud ftakar li wara mewtu kien ressaq lil xi hadd biex jixtri xi zrar li kien ghadu qed jinqata' mill-barriera. Ix-xhud kien talab lill-armla ta' Carlo Camilleri biex titrasferilu l-istess barriera izda dan qatt ma sehh ghax il-permessi mehtiega qatt ma hargu minhabba li l-Gvern rama' l-ghodda tieghu u l-barriera kienet ilha frizata sa minn mindu Carlo Camilleri kien ghadu haj.

Illi fix-xhieda tal-**Perit Andre' Zammit** datata 8 ta' Gunju 1992 jirrizulta li hu xehed li hu kien jaf tajjeb fuq il-barriera in kwistjoni. Huwa qal illi meta kien mal-*Public Works*

*Department* jiftakar illi kien sar test tal-materjal Malti u kienet iggib l-ahjar rizultati. Dan kien kaz ta' industrija avvjata tajba – l-unika li tipproduci materjal ta' *crushing value* ta' taht 27. Huwa rtira mill-*Public Works Department* fl-1965 u xehed li qabel ma rtira d-dipartiment kien ghadu qed jiehu materjal minn din il-barriera. Huwa xehed li ghalkemm ma ftakarx jekk kienx attenda xi access fuq il-lokal in kwistjoni flimkien mal-Bord huwa ma eskludiex li xi darba mar fuq il-lokal u rah b'ghajnejh. Illi in kontro-ezami qal illi huwa jiftakar il-barriera mill-1958 'il quddiem. Wara 1965 ma jafx. Huwa m'ghandux f'idejh u qatt ma kellu pjanti tal-lokal.

Illi **Vincent Camilleri,** fix-xhieda ezebita fil-kawza quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg Dwar Artijiet fir-rikors nru 42/81, xehed li fl-1964 l-art in kwistjoni kienet iffrizata mill-Gvern. Fl-1969 kienu rcevew Avviz ghal ftehim. Infatti kienu talbu lill-Perit Mintoff jaghmel stima tal-lokal. Dak iz-zmien l-art kienet qeghda tintuza' bhala barriera u kien fiha l-attrezzaturi kollha ta' barriera u l-makkinarju kollu, tant illi fl-1970 kienet saret sawbiex inehhu l-ghodda 'l barra taht penali  ta' Lm10 kuljum. Din l-art baqghet tintuza' bhala barriera wkoll wara li hadha l-Gvern u wara din is-sentenza.

Illi in kontro-ezami huwa gie muri pjanta fejn hemm indikat li l-art in kwistjoni kienet *disused quarry.* Illi pero' huwa fisser illi fuq dik l-art kien hemm il-*crushers* tal-barriera pero' ma jistax ighid dakinhar kienitx uzata bhala barriera jew le. Huwa qal illi l-art kienet uzata bhala barriera pero' m'hemmx indikazzjoni preciza ta' kif u x'fatta kienet uzata bhala barriera f'din il-pjanta. L-art kien fiha 20 tumolu. Huwa qal illi missieru kien lahaq qatta' s-superfici ta' zewg tumoli biex jinzel ghall-livell tal-barriera sew u kien ghad fadal 18-il tumolu iehor illi gew zviluppati mhux minn missieru imma minn min ha l-art in kwistjoni.

Illi fl-affidavit tieghu **Vincent Camilleri** kkonferma li missieru kien ihaddem barriera fl-artijiet mertu tal-kawza odjerna u kien ihaddem madwar 30 persuna. Apparti dan, missieru kien jinpjega nies ohra bit-trakkijiet taghhom stess biex igorrulu l-materjal. Huwa kellu disa' trakkijiet

tat-tip Bedford tas-7 tunnellati, tnejn tat-tip Leyland tal-25 tunnellata u xi 4 tat-tip AEC li kienu jiehdu madwar 15-il tunnellata. Barra dawn hu kien jiehu servizzi ta' trakkijiet ohra barranin – madwar 15-il trakk iehor.

Illi hu spjega li missieru kien ilu jahdem il-barriera sa mill-hamsinijiet u baqa' jahdem l-istess sakemm miet fis-17 ta' Dicembru 1965. Il-barriera giet frizata fin-1964. Huwa jiftakar li missieru xorta baqa' jahdem il-barriera peress li hadd ma kien waqqfu. Wara mewtu ommu baqghet thaddem il-barriera ghal xi zmien sakemm il-permessi gew mizmuma.

Illi huwa qal li missieru kien ghamel diversi kuntratti mal-Gvern fejn kien iforni d-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici bil-materjal tal-barriera u Ministeri ohra fosthom il-*breakwaters* f'B'Bugia fil-Bajja s-Sabiha u f'dik ta' San Gorg. Huwa kien issuplixxa materjal sabiex sar xoghol ta' bankini u cangaturi fit-toroq principali tal-Belt; kif ukoll, materjal ghat-tarmac f'diversi nhawi f'Malta. Dan apparti wkoll li kien hemm persuni privati li kienu jmorru ghandu jixtru l-materjal.

Illi f'xi zmien wara l-mewt ta' missieru l-Gvern waqqfilhom il-permess biex ikomplu jhaddmu l-barriera u kien anki ghamel proceduri kontra taghhom sabiex inehhu l-makkinarju li kellhom fl-istess barriera. Il-makkinarju tnehha u l-Gvern permezz tan-nies tieghu ha pussess tal-barriera u ta' l-ufficini fejn kienu jinzammu l-kotba tan-negozju u minn dakinhar l-ebda membru tal-familja tieghu ma nghata access ghall-istess u l-kotba tan-negozju ma nghatawlhomx lura. Huwa esebixxa xi dokumenti li kienu fil-pusess tieghu li jikkonfermaw x'tip ta' xoghol kien johrog mill-barriera, il-prezz li bih kien jinbiegh l-istess xoghol, il-kwalita' tajba ta' din il-barriera, u kif ukoll l-ingenji li missieru kellu . Huwa xehed li missieru kien jiehu certu *tenders* anki peress li bix-xoghol li kellu huwa kien kapaci jbaxxi l-prezz u jkun aktar kompetittiv. Huwa esebixxa "Dok VC6" fejn hemm dikjarat li l-materjal tal-barriera ta' missieru "*compares favourably with the best quality stone available in Malta".* Huwa esebixxa wkoll *Statement of Affairs* li juri l-assi ta' missieru li turi l-ingenji

li kellu li kienu jammontaw ghall-valur ta’ 118,500 Liri Sterlini. Fis-sena 1969 il-Perit Duminku Mintoff tahom stima ta’ Lm85,000 fir-rigward ta’ dik il-parti mill-artijiet fejn hemm il-barriera.

Illi **Gaetana Aquilina** xehdet li l-barriera in kwistjoni kienet ta’ missierha. Fl-1969 il-Perit Mintoff kien ghamel stima tal-barriera flimkien ma’ l-ingenji li kien hemm fiha. Meta l-art giet esproprjata kienet imhaddma bhala barriera u baqghet tinhadem bhala barriera minn min hadha. In kontro-ezami qalet pero’ illi ma tiftakarx f’liema data l-familja taghha baqghet thaddem l-art in kwistjoni bhala barriera.

Illi imbaghad fl-affidavit taghha kkonfermat dan kollu u xehdet li missierha baqa’ jahdem fil-barriera sakemm miet. Wara li missierha miet il-barriera baqghet tinhadem minn ommha ghal madwar sitt xhur. Missierha kien ihaddem diversi persuni u hi gieli marret tigbor il-flus mill-Barclays Bank sabiex ihallas l-istess pagi. Sal-bidu tas-sena 1969 l-ingenji li bihom kien jahdem missierha kienu ghadhom fil-barriera. Hija kkonfermat ukoll illi l-Perit Mintoff kien tahom stima tal-barriera ta’ Lm85,000 wara li acceda fuq l-artijiet in kwistjoni.

Illi **Dr. Christopher Vella** xehed li hu ghen lill-atturi biex jippruvaw isibu xi dokumenti antiki li jmorru lura ghas-60’s rigwardanti l-barriera mertu tal-kawza odjerna. Infatti esebixxa diversi dokumenti.

## IV. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi mill-provi prodotti rrizulta li missier l-atturi kien ihaddem barriera. Illi din l-art in kwistjoni kienet giet esproprjata mill-Gvern fl-1964. Fl-1969 kien inhareg "Avviz ghal Ftehim" fejn l-atturi gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti kienet lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art in kwistjoni kien Lm3,440. Illi pero' whud mill-atturi permezz ta' ittra ufficjali tal-21 ta' Marzu 1969 iddikjaraw li ma kienux qed jaccettaw il-kumpens offert u talbu li l-kumpens kellu jkun ta' Lm10,200. Illi fit-22 ta' Marzu 1969 Vincent Camilleri iddikjara b'ittra ufficjali li ma kienx qed jaccetta l-kumpens offert u talab li dan il-kumpens kellu jkun ta' Lm85,000. B'hekk il-Kummissarju tal-Artijiet ipprezenta rikors quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet sabiex jordna lill-atturi jaddivjenu ghall-kuntratt biex tigi trasferita l-art in kwistjoni. Minhabba li l-atturi ma qablux mad-decizjoni tal-Bord appellaw, u l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-2 ta' Lulju 1996 fuq punt procedurali baghtet lura l-atti lill-Bord li min-naha tieghu stabbilixxa terminu ta' xahar sabiex l-atturi jipprezentaw il-kawza odjerna *ai termini* ta' l-**artikolu 26 tal-Kap.88.**

Illi l-kwistjoni kollha li din il-Qorti ghandha quddiemha jdur madwar il-fatt li min-naha l-atturi qed jikkontendu li fid-data ta' l-esproprjazzjoni huma bhala eredi ta' missierhom Carlo Camilleri kienu d-detenturi ta' stabbiliment *bona fide* ta' negozju gestit mill-art esproprjata (cioe' barriera avvjata sew) u min-naha l-ohra hemm id-decizjoni tal-Bord imsemmi li ddecieda li ma rrizultax li gie sufficjentement pruvat li fil-hin tal-esproprju l-bicca art in kwistjoni kienet barriera avvjata u kwindi l-art kellha tittiehed in konsiderazzjoni biss bhala art u xejn aktar.

Illi l-atturi in sostenn tat-tezi taghhom ressqu diversi provi li ma gew bl-ebda mod kontradetti mill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet. Illi infatti fix-xhieda tieghu Vincent Camilleri, wiehed mill-atturi, ikkonferma li missieru kien ihaddem barriera fl-artijiet mertu tal-kawza odjerna. Dan hu kkonfermat mill-attrici l-ohra Gaetana Aquilina, minn Karmenu Abdilla li kien impjegat mal-istess Carlo

Camilleri u mill-Perit Andre’ Zammit li xehed li din il-barriera *“kien kaz ta’ industrija avvjata tajjeb.”* Illi inoltre’ l-istess Vincent Camilleri elenka t-tip ta’ makkinarju li kien jintuza’ biex jingarr il-materjal u li apparti missieru kien juza’ trakkijiet ohra barranin – madwar hmistax ohra u li flimkien bejn wiehed u iehor kienu jammontaw ghal madwar tletin trakk li kienu jifilhu ammont ta’ tunnellati diversi.

Illi Carlo Camilleri, l-aventi kawza tal-atturi, kien ilu jahdem il-barriera sa mill-hamsinijiet u baqa’ jahdem l-istess sakemm miet fis-17 ta’ Dicembru 1965. Illi kwindi meta l-barriera giet frizata fl-1964 missier l-attur Vincent Camilleri kien ghadu haj. Illi rrizulta minn l-istess Vincent Camilleri, minn Gaetana Aquilina, minn Karmenu Abdilla u mill-Perit Andre’ Zammit li jista’ jitkellem biss sal-1965 (meta halla l-*Public Works Department*) li x-xoghol kien baqa’ ghaddej. Infatti il-Perit Zammit, xhud kompletament indipendenti mill-partijiet, xehed quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, li qabel ma rtira fl-1965 il-*Public Works Department* kien ghadu qed jiehu materjal minn din il-barriera. Sahansitra Vincent Camilleri, Karmenu Abdilla u Gaetana Aquilina sostnew li mart Carlo Camilleri baqghet thaddem il-barriera wara mewt zewgha u dan sakemm kellha tieqaf peress li l-permessi gew mizmuma. Imbaghad il-Gvern ghamel proceduri kontrihom biex inehhu l-makkinarju li kellhom fl-istess barriera fis-sebghinijiet u fil-fatt hekk kellu jsir. Imbaghad il-Gvern ha pussess tal-barriera u ta’ l-ufficini permezz tan-nies tieghu u l-barriera ntuzat bhala tali anki wara li ttiehdet mill-pussess taghhom. Infatti l-istess Vincent Camilleri spjega hekk:-

*“L-art fiha 20 tumolu. Il-papa’ kien lahaq qatta’ s-superfici ta’ zewg tumoli biex jinzel ghall-livell tal-barriera sew u kien ghad fadal 18-il tumolu iehor illi gew zviluppati, mhux mill-papa’, imma minn min ha l-art in kwistjoni. It-18 il-tumolu pero’ kienu diga’ preparati ghat-tqattiegh, pero’ t-tqattiegh attwali ma kienx lahaq sar mill-papa’ izda kien sar minn min ha l-art in kwistjoni.”*

Illi kwindi l-punt li jibqa' huwa jekk fid-data ta' l-esproprjazzjoni l-barriera in kwistjoni kienitx effettivament avvjata kif qed isostnu l-atturi. Illi mill-provi dokumentali u mix-xhieda prodotti jirrizulta soddisfacentement li fiz-zmien ta' l-esproprjazzjoni, cioe' fl-1964 il-barriera avvjata minn missier l-atturi kienet negozju tajjeb hafna. Infatti Karmenu Abdilla, mpjegat fil-barriera, spjega li ftit taz-zmien qabel ma miet Carlo Camilleri fis-17 ta' Dicembru 1969, dan issuplixxa l-materjal mehtieg sabiex isir xoghol ta' *tarmac* fis-Saqqajja, ir-Rabat u f'xi nhawi f'St Andrews. Huwa nfatti sostna li wara mewt Carlo Camilleri l-barriera baqghet tinhadem tant li hu ressaq lil xi hadd biex jixtri xi zrar li kien ghadu qed jinqata' mill-barriera. Illi importanti ghal dan l-iskop hu dak li xehed il-Perit Andre' Zammit li qal li qabel ma rtira fl-1965 mill-*Public Works Department*, l-istess dipartiment kien ghadu qed jiehu materjal minn din il-barriera.

Illi Vincent Camilleri, wiehed mill-atturi, fl-affidavit tieghu semma' diversi kuntratti li missieru kien ghamel mal-Gvern fejn kien iforni d-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici bil-materjal tal-barriera, lill-Air Ministry; kif ukoll materjal lil nies privati. Illi huwa pprezenta diversi kuntratti biex jikkorrobora dak li xehed (i) "Dok VCI" (a fol. 72 u 73 tal-process) huwa kuntratt datat 31 ta' Ottubru 1962 bejn Carlo Camilleri u l-Gvern ghall-Air Ministry Asphalt Plant, Safi; (ii) Dok VC2 (a fol.74 u 75 tal-process) huwa kuntratt datat 21 ta' Novembru 1963 bejn Carlo Camilleri u l-Gvern ghall-Air Ministry Asphalt Plant, Safi. Dan huwa ferm importanti u jipprova li t-tezi ta' l-atturi li fiz-zmien ta' l-esproprjazzjoni fl-1964 il-barriera kienet wahda avvjata – infatti l-ftehim kien jaqra hekk:-

*The supply and delivery shall be made on a day to day basis or according to the requisitions made by the Director of public Works and the contractor shall be in a position to supply up to two hundred tons of material per day up to the thirty first day of March, one thousand nine hundred and sixty-four."*

(iii) Dok "VC3" (a fol. 76 u 77) huwa wkoll kuntratt li Carlo Camilleri ghamel mal-Gvern ghall-Air Ministry Asphalt

Plant, Safi datat 21 ta' Novembru 1964. Il-ftehim kien fis-sens li kellu jissuplixxi u jikkonsenja lill-"Air Ministry Asphalt Plant", Safi *"one thousand five hundred (1,500) tons high quality road aggregate, as per sample submitted, at two pounds ten shillings per ton, five hundred tons of which are to be made available within <fifteen days> from the date of order and the remaining one-thousand tons within 30 days from the same date."*

Illi imbaghad id-dokumenti l-ohra huma datati 1961 pero' li xorta wahda jissostanzjaw li l-barriera in kwistjoni kienet ben avvjata. Inoltre' Dok "VC9" (a fol.84 tal-process) li hu "*Statement of Affairs*" as at 14/5/1964 jindika b'mod car kemm il-makkinarju w assi hemm elenkati kif ukoll mis-"*surplus*" indikat ta' 249,500 li l-barriera li giet esproprjata kienet fonti ta' negozju tajjeb ghal missier l-atturi. Kwindi bla ebda dubju abbazi tal-provi prodotti, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-barriera mertu tal-kawza odjerna kienet avvjata fid-data ta' l-esproprjazzjoni u l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi fit-tieni talba taghhom l-atturi qed isostnu li ladarba fid-data ta' l-esproprjazzjoni kienu detenturi ta' stabbiliment *bona fide* ta' negozju gestit mill-art esproprjata ghandu japplika **l-artikolu 27(19)(b) tal-Kap.88 tal-Ligijiet ta' Malta.** Illi l-Kummissarju tal-Artijiet eccepixxa illi dan l-artikolu ma japplikx ghall-kaz odjern stante li japplika ghall-kazijiet fejn l-art tigi akkwistata ghall-pussess u uzu jew b'dominju pubbliku mentri l-kaz odjern jinvolvi akkwist ta' art b'xiri assolut.

Illi dan l-artikolu jipprovdi dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens li ghandha tinghata mill-Bord u **s-sub-artikolu 19(b)** jipprovdi hekk:-

*"Minbarra l-kera ta' akkwist jew, kif jahbat, il-kera ta' gharfien li jkun iffissat skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, l-awtorita' kompetenti, fic-cirkostanzi msemmijin hawn taht, imma mhux xort'ohra, ghandha thallas b'zieda ghal darba biss lill-bniedem li minghandu tkun akkwistat obbligatorjament il-pussess ta' l-art, somma li z-zewg partijiet jiftehmu fuqha, jew, jekk ma*

*jiftehmux, li tkun iffissata mill-Bord, u li f'kull kaz ghandha l-ewwelnett tigi provvizorjament offerta b'mezz ta' l-avviz ghal ftehim imsemmi fl-artikolu 12(1) jew b'mezz ta' avviz ghal ftehim supplemantari li johrog wara. Din is-somma b'zieda ma tkunx tisthoqq li tithallas hlief –*

*(b) lid-detentur ta' stabbiliment bona fide tan-negozju akkwistat mill-awtorita' kompetenti u kemm-il darba d-disposizzjonijiet li jnsabu fl-artikolu 20 ma jkunux ighoddu, u f'dak il-kaz il-hlas b'zieda jkun daqs is-siwi ta' l-avvjament ta' l-istess stabbiliment maghdud fuq mhux izjed mill-qliegh nett maghmul f'dak l-istabbiliment mill-istess detentur matul is-sentejn li jaghlqu fil-jum tad-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 3 jekk f'dak il-jum l-istess detentur kien ilu fil-pussess ta' dak il-fond ghal mhux anqas minn tletin xahar, jew jekk ma jkunx ilu fil-pussess ta' dak il-fond ghal mill-anqas tletin xahar, fuq il-qliegh nett li x'aktarx jittiehed f'dak l-istabbiliment mill-istess detentur matul mhux izjed minn sentejn li jibdew ma' l-eghluq ta' sitt xhur mill-jum li fih dak id-detentur l-ewwel beda n-negozju f'dak l-istabbiliment.*

*Izda jekk id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 20 (2), (3) u (4) ikunu jghoddu dwar id-detentur ta' stabbiliment bona fide tan-negozju, il-kumpens b'zieda li jisthoqq li jithallas ma ghandux jisboq l-ammont mahsub fis-subartikolu (3) ta' dak l-artikolu jew l-ammont mahsub fil-paragrafu (b), liema fosthom ikun l-oghla."*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-interpretazzjoni moghtija mill-Kummissarju tal-Artijet ghal dan l-artikolu rigward l-applikazzjoni tieghu ma hijiex wahda korretta, tant li infatti mis-semplici qari ta' l-istess artikolu minn imkien ma jirrizulta li dan japplika biss ghall-kazijiet imsemmija minnu. L-artikolu in kwistjoni jitkellem fuq "*bniedem li minghandu tkun akkwistat obbligatorjament il-pussess ta' l-art"* u dan ma jhalli l-ebda dubju li l-artikolu japplika anki ghall-kaz odjern li jitratta akkwist ta' art b'xiri assolut.

Illi dan apparti dak li jipprovdi l-**artikolu 27 (1) (b) tal-istess Kap 86**, u tenut kont tal-fatt li f'diversi subartikoli ohra tal-istess artikolu oltre meta l-ligi riedet tirreferi biss

ghall-akkwist ta’ pussess u uzu jew xorta ohra dan ghamlitu specifikatament *ubi lex voluit dixit*.

Illi l-Kummissarju eccepixxa fir-raba’ eccezzjoni tieghu illi din il-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni *rationae materie* biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici minhabba li l-atturi nhux qed jitolbu li tigi determinata kwistjoni li ma taqax fl-ambitu ta’ l-**artikolu 25 tal-Kap.88**; li l-ewwel talba tirrikjedi decizjoni fuq stat ta’ fatt li jaqa’ fil-kompetenza esklussiva tal-Bord; u li anke jekk japplika l-**artikolu 27 (19) (b)** is-somma trid tigi ffissata mill-Bord u fi kwalunkwe kaz provvizorjament trid tigi offerta b’mezz ta’ avviz ta’ ftehim.

Illi l-**artikolu 25 tal-Kap. 88** jipprovdi dwar is-setghat tal-Bord, cioe’:

*(1) Il-Bord jista’: –*

*(a) jordna illi jinghata pussess minnufih ta’ art lill-awtorita’ kompetenti;*
*(b) jordna t-trasferiment ta’ art lill-awtorita’ kompetenti bi proprjeta’ assoluta jew b’dominju pubbliku;*
*(c) jordna li art tigi mqieghda taht servitu’;*
*(d) jordna t-tmiem ta’ kiri;*
*(e) jiffissa l-ammont ta’ kumpens li ghandu jithallas taht id-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza u ghal dan l-iskop jiddikjara jekk area hix art tajba ghall-bini jew hix raba’ inkella moxa;*
*(f) jordna l-esekuzzjoni tad-decizjonijiet tieghu.”*

Illi pero’ fil-kawza odjerna din il-Qorti riedet tiddeciedi dwar jekk l-aventi kawza tal-atturi kienx id-detentur ta’ stabbiliment *bona fide* ta’ negozju gestit mill-art esproprjata. Illi fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell datata 2 ta’ Lulju 1996 (fuq imsemmija) il-Qorti rreferiet ghall-**artikolu 27(19)(b)** li taht il-Kap 88 jikkontempla kumpens addizzjonali. Il-Qorti qalet: *“X’inhi l-posizzjoni fil-kaz li tul il-procediment quddiem il-Bord tinqala’ xi kwistjoni li mhijiex inkluza taht l-artikolu 25(1) ta’ l-Ordinanza? F’dak il-kaz allura kellu jigi applikat l-art.26, cioe’ li l-Bord ghandu jirrizerva li dik il-kwistjoni tigi deciza*

*mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u ghandu jistabbilixxi zmien ghall-parti li tqajjem dik il-kwistjoni li fih tressaqha b'citazzjoni quddiem l-imsemmija Qorti. Il-Bord nel frattemp ghandu jaggorna l-procediment sakemm tinghata decizjoni finali fuqha."*

Illi kien il-Bord Ta' Arbitragg dwar l-Artijiet li ddecieda li japplika l-**artikolu 26 tal-Kap.88** ghaliex il-mertu tal-kawza odjerna ma kienitx taqa' taht l-**artikolu 25 tal-kap.88** taht id-disposizzjonijiet tal-gurisdizzjoni ta' din il-qorti kif presjeduta, bhala Prim Awla tal-Qorti Civili, Qorti li ghandha l-gurisdizzjoni originali ta' kull natura ta' kawza jekk ma hemmx ligi specifika dwar l-istess mertu.

Illi minn dan jinnota li issa l-Kummissarju ta' l-Artijiet ma jistax jargumenta u jsostni bil-mod kif ghamel, inutilment, din l-eccezzjoni tieghu. L-istess japplika ghall-hames eccezzjoni fejn qed isostni li l-atturi kellhom jifthu kawza biex hu jaghmel avviz ta' ftehim supplementari flok iressqu l-punt fil-proceduri quddiem il-Bord li ntavolaw din il-kawza. Din il-kawza nfethet wara li l-atturi nghataw it-terminu mill-istess Bord biex il-Qorti tiddetermina dak li qam quddiemu.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel zewgt eccezzjonijiet tal-konvenut dawn gew irtirati mill-istess fis-seduta tat-22 ta' April 1998. Illi ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni numru 4(iii) u t-tielet talba attrici Dr Zammit Maempel, fis-seduta quddiem din il-Qorti tal-11 ta' Dicembru 2002, talab biex jigu decizi l-ewwel zewg talbiet biss, billi hu qabel mal-eccezzjonijiet tal-konvenut, fis-sens li t-tielet talba mhiex fil-kompetenza ta' din il-Qorti. Dr Cynthia Scerri Debono qablet li d-decizjoni tigi limitata kif indikat.

## V. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut ad eccezzjoni tar-raba' eccezzjoni sub-artikolu tlieta ((4) (iii)), tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici u ma tiehux konjizzjoni tat-tielet talba attrici**

**minhabba li din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni *ratione materie*, fuq l-istess tielet talba attrici** b'dan illi:-

1) Tiddeciedi u tiddikjara illi fid-data ta' l-esproprjazzjoni l-atturi bhala eredi ta' missierhom Carlo Camilleri kienu d-detenturi ta' stabbiliment *bona fide* ta' negozju gestit mill-art esproprjata;

2) Tiddeciedi u tiddikjara li konsegwentement il-kumpens dovut lill-atturi oltre' l-valur ta' l-istess art, ghandu jinkludi somma b'zieda ghal darba biss kif provdut fl-artikolu **27(19)(b) tal-Kap.88 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**